**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Lulju, 2021**

**Talba Nru: 261/2020PM1**

**Clayton Mizzi (ID 125988(M))**

**Vs**

**Fynn Arrigo (ID 203599(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2020 permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' elf, disa' mija u hamsin euro (€1950) in kwantu bilanc ta' hlas dovut ghal xoghol ta' tiswija, service u parts fuq il-vettura hawn fuq imsemmija proprjeta` tal-intimat, bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali (1795/20) u mandat ta' sekwestru (1155/20) u bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa s-segwenti :

1. Illi l-esponenti gia hallas dak dovut minnu u gia la darba huwa hallas l-ammont originarjament ikkwotat mill-attur ghax-xogholijiet necessarji fil-vettura u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi l-esponenti qatt ma awtorizza u/jew ta l-kunsens tieghu ghal xogholijiet u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi apparti minn hekk kien biss wara li l-attur lesta x-xogholijiet, minghajr qatt ma kien inkarigat jibda, li l-esponenti gie infurmat minnu li l-ammont pretiz huwa d-doppju ta' dak originarjament ikkwotat.
4. Illi f'kull kas l-attur irid igib prova tal-pretensjoni tieghu
5. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess t-talba attrici hija esagarata
6. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-attur waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju, 2021 u ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta.

Sema' x-xhieda tal-konvenut, ta' Chris Camilleri u tal-attur ukoll waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2021.

Ra n-nota tal-konvenut datata 18 ta' Gunju, 2021 u d-dokument anness mal-istess.

Ra wkoll in-nota tal-attur datata 25 ta' Gunju, 2021.

Sema' x-xhieda tal-attur waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2021.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet rispettivi.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza li permezz taghha l-attur qieghed jitlob hlas rapprezentanti bilanc ta' prezz ghax-xoghol ta' tiswija imwettaq minnu fuq il-vettura tal-konvenut. Bi twegiba ghal tali talba il-konvenut jeccepixxi illi huwa gia hallas dak dovut minnu kif originarjament ikkwotat mill-attur ghax-xogholijiet necessarji fil-vettura, illi huwa qatt ma awtorizza u/jew ta l-kunsens tieghu ghal xogholijiet u li kien biss wara li l-attur lesta x-xogholijiet, minghajr qatt ma kien inkarigat jibda, li l-esponenti gie infurmat minnu li l-ammont pretiz huwa d-doppju ta' dak originarjament ikkwotat. Inoltre f'kull kas l-attur irid igib prova tal-pretensjoni tieghu li giet ikkontestata bhala esagerata.

Illi t-Tribunal jibda sabiex minnufih jinnota li, minkejja l-eccezzjonijiet imressqin mill-konvenut, la matul ix-xhieda tal-attur wisq anqas matul ix-xhieda tal-konvenut u tax-xhud imressaq minnu ma rrizulta li kien gie stabilit xi prezz ghax-xoghol kif mill-konvenut eccepit. Anzi, jirrizulta car mix-xhieda tal-istess konvenut li l-kontenzjoni tieghu mhijiex tassew, kif eccepit minnu, li huwa hallas il-prezz shih kif originarjament ikkwotat lilu mill-attur ghas-servizzi tieghu imma, bil-kontra ta' dan, li huwa gie sorpriz bi prezz li, fil-fehma tieghu, kien wiehed eccessiv wara li l-attur kien wettaq it-tiswijiet. Fil-fatt il-konvenut jixhed: "*I repeatedly asked for this quotation but this was not forthcoming from Mr. Mizzi's side. I left the vehicle there with him and I left with my friend.* (…) *Asked by the Tribunal I say that Mr. Mizzi never reverted.* ***He actually informed me only of the price for the repairs once he told me to go and pick up the vehicle***" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2021 – enfazi mizjuda) Ghaldaqstant huwa car li l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, sakemm bazati proprju fuq kwistjoni li assolutament ma tinsabx pruvata, jimmeritaw li jigu michuda.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni jirrizulta car mill-provi li l-konvenut ha l-vettura tieghu ghand l-attur u halliha hemmhekk, skont hu, sabiex tinhareg stima ghax-xogholijiet qabel dawn jibdew. Skont l-attur il-vettura thalliet mieghu sabiex isiru x-xogholijiet. F'tali rigward it-Tribunal fela bir-reqqa il-messaggi li gew skambjati bejn il-partijiet kontendenti minn zmien ghal zmien u minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut kien tassew qed jippretendi li jiricievi xi stima ta' xogholijiet **qabel ma jaghti l-**

**<u>kunsens tieghu qabel jibdew ix-xogholijiet</u>** kif prova jaghti x'jifhem f'dawn il-proceduri. Anzi, bil-kontra ta' dan, jirrizulta car li l-intenzjoni cara tal-konvenut kienet proprju dik li l-attur iwettaq ix-xogholijiet riparatorji kollha fuq il-vettura tieghu qabel jigi biex ibieghha. Hekk illi permezz ta' messagg datat 12 ta' Mejju, 2020 l-istess konvenut staqsa lill-attur mhux ghall-istima imma jekk kienx hemm "*xi update fuq il-karozza.*" Jidher li fl-istess jum il-konvenut accetta li tigi ccekjata wkoll il-*battery* tal-karozza. Xi zmien wara jidher li l-konvenut talab stima tar-riparazzjonijiet imma mbaghad fl-20 ta' Marzu, 2020 staqsa lill-attur "*waslu il-parts btw?*" u mbaghad rega staqsa l-istess fis-26 ta' Marzu, 2020 u qal lill-attur biex ihalli l-*break pads* ghax kien sab lil xi hadd li lest jixtri l-karozza tieghu.  Ghat-Tribunal messaggi ta' dan it-tip jeskludu kwalunkwe indikazzjoni li l-konvenut kien qieghed jirrezisti li jsiru x-xogholijiet sakemm ma jkollux stima f'idejh. Anzi jidher li kien qed jigri wara l-attur sabiex dan iwettaq ir-riparazzjonijiet kollha u beda jikkontesta l-kont mibghut "*ghax qed narah gholi*" biss wara li rcieva l-istess kont.

Illi huwa fuq kollox l-istess konvenut li f'dawn il-proceduri stqarr li huwa lanqas ma qajjem kwistjonijiet meta mar jigbor il-vettura u f'dan l-istadju huwa kien diga` jaf mhux li l-vettura kienet ovvjament giet imsewwija imma wkoll il-prezz pretiz mill-attur ghall-istess servizz: "*When I went to pick up the vehicle I did not raise issues. My intention was to pick up my vehicle. I confirm that when I went to pick up the vehicle I actually confirmed that I would pay him via BOV mobile app. I confirm that I did not pay him there because I had a limit of five hundred euro (€500) on my app.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2021). Konsegwentement huwa stess jikkonferma li mar jigbor il-vettura u fil-fatt beda jhallas il-prezz mitlub mill-attur permezz tal-kont finali tieghu. It-Tribunal jaghraf li min tassew ikun talab stima bhala kundizzjoni ghax-xogholijiet ma jibghatx messaggi li permezz taghhom jistaqsi jekk il-parts waslux. Min ikun issoggetta il-kunsens tieghu li jsiru ix-xogholijiet ma jmurx lest biex jigbor il-vettura lesta minghajr imqar ma jilmenta li min sewwa jkun mexa minghajr il-kunsens tieghu, wisq anqas jibda jwettaq pagamenti skont il-kont mibghut u/jew jipprova jiggustifika in-nuqqas ta' hlas tal-bilanc rimanenti billi jwahhal fil-limit bankarji li ghandu. Ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-konvenut kien halla l-karozza

ghand l-attur proprju sabiex din tissewwa kif fil-fatt gara. Ghaldaqstant anke t-tieni eccezzjoni tal-konvenut timmerita tigi michuda.

Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet rimanenti it-Tribunal isib li l-attur irnexxielu jgib prova adegwata tat-talba tieghu anke tramite ilil-messaggi skambjati bejn il-partijiet u l-kont mahrug minnu. Fir-rigward tal-eccezzjoni li t-talba attrici hija wahda esagerata, huwa minnu li, skont il-provi prodotti, irrizulta li l-partijiet ma ddiskutewx il-prezz ghax-xogholijiet li kellhom jigu imwettqa qabel ma bdew. F'tali rigward jinsab deciz li:

> *Jekk il-hlas ma jkunx gie stabbilit fil-ftehim ta` appalt, jew b'ligi jew b'uzu, jigi meqjus mill-qorti bi stima ta' periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkostanzi.* (**SCHEMBRI ANTHONY ET vs BUSUTTIL ALDO** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju, 2003).

It-Tribunal sema' x-xhieda prodotta mill-konvenut u minn imkien ma rrizultat xi gustifikazzjoni ghall-eccezzjoni tieghu li l-prezz mitlub mill-attur ghal xogholu kien wiehed manifestament eccessiv. Dan it-Tribunal ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jinkariga periti (f'dan is-sens art. 9(2)(c) tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta), anke in vista tan-natura sommarja li permezz taghha il-Legizlatur ried li dawn il-proceduri jigu decizi. Fil-fatt f'dan il-kaz l-ebda wahda mill-partijiet ma talbet il-hatra ta' xi espert tekniku biex jiddetermina l-valur tax-xoghol tal-attur. Madanakollu it-Tribunal ihoss li, avut rigward ghall-provi prodotti, huwa ghandu bizzejjed provi quddiemu sabiex ikun jista' jiddetermina din l-eccezzjoni skont ic-cirkostanzi partikulari tal-kaz odjern.

L-istess konvenut xehed illi huwa kien jinsab jikkontesta il-bilanc shih mitlub u dana ghaliex "*the value of the parts given to me by Kinds was one thousand nine hundred and sixty (1960) all parts included that part that was ordered by plaintiff which I left out.*" (xhieda moghtija in kontro-ezami waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju, 2021). A sostenn ta' din il-posizzjoni tieghu huwa ressaq bhala prova stima datata 11 ta' Gunju, 2020 mahruga minn Kind's AutoSales Limited limitatament fir-rigward tal-parts.

Madanakollu l-attur fisser li d-differenza bejn tali stima u l-kont tieghu billi ddikjara: "*Nghid li fil-fatt kien hemm xi parts li meta Fynn mar biex igib stima minghand Kinds hu ma kienx indikom lill-Kinds. Ghal kuntrarju kien hemm ukoll xi parts li hu talab stima taghhom li jiena ma kellix bzonnhom biex inwettaq it-tiswijiet. Fil-fatt ghamilt dan l-ezercizzju u harget id-differenza. Id-differenza hija ta' one hundred twenty nine euro (€129) li kienet prezz iktar li jiena ccargjajt mill-istima ta' Kinds.*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2021). Dan kollu fil-fatt jinsab pruvat tramite d-dokumenti ezebiti minnu u mmarkati rispettivament Dok CM1 u CM2 minn fejn jirrizulta li d-differenza bejn il-prezz mitlub minnu ghall-parts u dawk il-parts elenkati minn Kinds kien biss ta' Eur129.55. Tenut kont is-surreferit, u cioe` li l-istima ta' Kinds ma taqbilx *in toto* mal-lista ta' parts mixtrija mill-attur ai fini tat-tiswija, it-Tribunal isib li l-kont mahrug mill-attur anke fir-rigward tal-parts huwa wiehed pruvat, idoneju u certament mhux eccessiv. Ma rrizultax li l-attur ghandu jew kellu xi obbligu fil-konfront tal-konvenut li, anke fir-rigward tal-parts mixtrija minnu, huwa ma jmurx oltre l-prezz li l-konvenut *ex post facto* jirnexxielu jsib minghand terzi minn fuq is-suq. Huwa fatt pruvat min-naha l-ohra li l-konvenut ghazel li jahdem *in toto* mal-attur u dana kemm ghax-xiri tal-parts u kif ukoll ghall-mano d'opera tieghu, accetta l-kont u sahansitra beda jwettaq pagamenti skont l-istess. Konsegwentement it-Tribunal isib li m'hemm xejn manifestament eccessiv fil-kont mahrug mill-attur u accettat mill-konvenut. Kif inghad, fir-rigward tal-mano d'opera l-konvenut ma ressaq ebda prova a sostenn tal-eccezzjoni tieghu li l-prezz mitlub kien wiehed ezagerat. Ghaldaqstant il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ukoll jimmeritaw li jigu michuda.

Ai fini tal-imghaxijiet fuq is-somma mitluba jinghad li fin-nuqqas ta' prova li l-ittra ufficjali interpellatorja giet notifikata lill-konvenut, l-imghaxijiet fuq is-sorte ghandhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha l-konvenut gie notifikat bl-avviz tat-talba odjerna u cioe fid-9 ta' Dicembru, 2020.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, disa' mija u hamsin euro (€1950) in kwantu bilanc ta' hlas dovut ghal xoghol ta' tiswija, service u parts fuq il-vettura hawn fuq

imsemmija proprjeta` tal-intimat, bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali (1795/20) u mandat ta' sekwestru (1155/20) u bl-interessi mid-data tan-notifika lilu tal-avviz odjern u cioe` mid-9 ta' Dicembru, 2020 u  bl-ispejjez kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil. M.A. (Melit.)**

**Gudikatur**